



Brussell, 7 ta' Ġunju 2019
(OR. en)

9879/19

SOC 407
EMPL 304
ECOFIN 538
EDUC 256

NOTA

minn:	Kumitat tal-Impjiegi u Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Semestru Ewropew: Nota orizzontali dwar aspetti tal-impjiegi u tal-politika soċjali fir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi <i>Dibattitu ta' orjentazzjoni</i>

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż n-nota ta' informazzjoni orizzontali għad-dibattitu ta' orjentazzjoni abbozzat mill-Kumitat tal-Impjiegi u l- Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali.

Il-pakkett tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi (CSR) tal-2019, messaġġi ewlenin mis-Sorveljanza Multilaterali 2018-2019 u analiżi ta' għaxar snin ta' Ewropa 2020**Kapitolu 1: Il-proposti tas-CSRs tal-2019 mill-Kummissjoni**

L-ekonomija tal-Ewropa mistennija tkompli tikber din is-sena u s-sena d-dieħla, minkejja li b'ritmu baxx. L-investiment privat reġa' lura għal-livell ta' qabel il-kriżi u għandu jkompli jespandi, iżda b'ritmu aktar bil-mod, filwaqt li l-investiment pubbliku għadu taħt il-livell tiegħu ta' qabel il-kriżi. L-impjiegi laħqu l-oġġettiv li qatt għie rreġistrat, għalkemm b'diverġenzi konsiderevoli bejn il-pajjiżi. Filwaqt li baqa' 'l fuq sew mil-livell tiegħu ta' qabel il-kriżi, id-dejn pubbliku ġenerali naqas.

Il-Kummissjoni tindika li qed issir korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi iżda tenħtieġ aktar azzjoni politika. Filwaqt li defiċiti esterni kbar ġew ikkoreġuti, surpluses kbar fil-kontijiet kurrenti, minkejja xi sinjali modesti ta' aġġustament, għadhom jippersistu f'diversi pajjiżi. Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni hi li l-Istati Membri b'defiċiti fil-kontijiet kurrenti jew dejn estern għoli għandhom bżonn ikomplu jtejbu l-kompetittività, filwaqt li l-Istati Membri b'surpluses kbar fil-kontijiet kurrenti għandhom isaħħu l-kondizzjonijiet għaż-żieda fil-pagi u l-investiment.

Wara tmien snin tas-Semestru, l-implimentazzjoni tar-riformi għadha mhijiex uniformi. Il-Kummissjoni tindika li aktar minn żewġ terzi tas-CSRs maħruġin sal-2018 raw b'tal-inqas "xi progress" fl-implimentazzjoni. Il-progress annwali fl-implimentazzjoni tas-CSRs tal-2018 huwa aktar baxx mis-snin preċedenti. Bil-ħsieb tal-isfidi ekonomiċi u soċjali li fadal u r-riskji ta' telf ta' valur għall-perspettiva ekonomika, prijoritizzazzjoni aktar deċiżiva u implimentazzjoni aħjar tar-riformi huma kruċjali biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-ekonomija tal-UE, jissaħħaħ it-tkabbir sostenibbli u bilanċjat, jiġu indirizzati l-iżbilanċi makroekonomiċi, u titwettaq konverġenza ekonomika u soċjali sostnuta.

Il-proposti tas-CSR tal-2019 mill-Kummissjoni jħeġġu lill-Istati Membri biex iżidu l-potenzjal tat-tkabbir billi jimmodernizzaw l-ekonomiji u jsaħħu aktar ir-reżiljenza. Il-proposti jippromovu għal darba oħra t-"triangolu virtuw" ta' (i) l-ispinta għall-investment, (ii) it-tkomplija ta' riformi effettivi li jrawmu tkabbir sostenibbli u inklużiv, u (iii) politiki fiskali sodi. Il-Kummissjoni tissottolinja li jenħtieġ momentum aktar b'saħħtu għar-riformi u li jiġu prijoritizzati r-riformi li jkunu mmirati lejn tkabbir sostenibbli u inklużiv. Dan jinkludi li jiżdiedu l-impatt u l-iskala tal-innovazzjoni u tiġi żgurata l-kwalità u r-rilevanza tal-ħiliet għas-suq tax-xogħol. It-trawwim tal-inklużjoni soċjali, il-protezzjoni u l-promozzjoni tal-investment, u ż-żieda tal-kwalità tal-finanzi pubbliċi huma ewlenin biex jittaffa l-impatt tat-tkabbir b'ritmu baxx fuq l-impjiegi u l-inugwaljanzi. Din is-sena, is-CSRs proposti jagħmlu enfasi partikolari fuq il-faċilitazzjoni tal-investment. L-Istati Membri kollha rċewew abbozz ta' rakkomandazzjoni relatata mal-investment. Il-Kunsill diġà rrikonoxxa li l-investment huwa kruċjali biex jintlaħaq l-oġettiv tal-UE ta' ekonomija ċirkolari, b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju¹ u tenna li għandha tingħata prijorità lil aktar riformi strutturali biex jitneħħew l-ostakli għall-investment, jiżdied il-potenzjal tat-tkabbir, ikompli jittejjeb l-ambjent istituzzjonali u tan-negozju, u jissaħħu kemm l-effiċjenza amministrattiva kif ukoll il-kwalità regolatorja².

Finanzi pubbliċi u t-tassazzjoni: ir-rakkomandazzjonijiet proposti jappellaw biex jerġgħu jiġu stabbiliti buffers fiskali fl-Istati Membri li għandhom livelli għolja ta' dejn pubbliku u jiżdied l-investment pubbliku f'dawk l-Istati Membri fejn hemm spazju fiskali disponibbli u fejn il-livelli ta' investment huma meqjusa baxxi. L-impatt tat-tixjiħ tal-popolazzjoni jgħidli sfidi ta' sostenibbiltà u adegwatezza li jirrikjedi riformi tas-sistemi tal-pensjoni u tal-kura tas-saħħa kif propost fis-CSRs ta' għadd ta' Stati Membri.

¹ Semestru Ewropew 2019 - Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir: Gwida Makroekonomika u Fiskali għall-Istati Membri – Konklużjonijiet tal-Kunsill ECOFIN

² Konklużjonijiet tal-Kunsill ECOFIN dwar l-analiżijiet fil-fond u l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi tal-2018

Politika tas-suq tax-xogħol, tal-edukazzjoni u dik soċjali: Filwaqt li l-kondizzjonijiet tas-suq tax-xogħol qed ikomplu jitjiebu, għad hemm diverġenzi konsiderevoli bejn il-pajjiżi, ir-reġjuni u gruppi tal-popolazzjoni, b'xi Stati Membri li qed jesperjenzaw nuqqas ta' ħaddiema filwaqt li oħrajn għadhom affettwati minn rati għolja ta' qgħad. Iż-żieda fil-pagi qed tirkupra b'rati differenti, filwaqt li l-iżviluppi fil-pagi reali għaż-żona tal-euro għadha ġeneralment moderata. Is-CSRs proposti jippromwovu investiment immirat biex tissaħħaħ l-effettività ta' politiki attivi tas-suq tax-xogħol. Barra minn hekk, qed jiġi rakkomandat lil xi Stati Membri biex jindirizzaw il-proporzjon għoli ta' ħaddiema b'kuntratti temporanji jew b'arranġamenti ta' xogħol atipiċi, inkluż billi jiġu promossi transizzjonijiet lejn impjiegi b'durata indeterminata. L-inugwaljanzi bejn is-sessi għadhom jeżistu, spiss minħabba nuqqas ta' servizzi ta' indukrar tat-tfal u kura fit-tul bi prezz li jintlaħaq, kif enfasizzat f'għadd ta' rakkomandazzjonijiet.

L-investment fil-kapital uman huwa prinċipali biex tingħata spinta lill-produttività u lit-tkabbir. Is-CSRs proposti jippromwovu t-tisħiħ tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ f'ħafna Stati Membri, inkluż billi tittejjeb ir-rilevanza tas-suq tax-xogħol tagħhom, billi jiġi promoss it-tagħlim fost l-adulti u billi tiżdied il-kapaċità tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali. Jenħtieġu sforzi addizzjonali biex jittejjbu l-kwalità u l-inklużività tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ.

Il-faqar qed jonqos, iżda għadu għoli f'xi Stati Membri, inkluż il-faqar fost min għandu xogħol. Barra minn hekk, xi gruppi vulnerabbli, b'hat-tfal, persuni b'diżabilità u persuni li ġejjin minn kuntest ta' migrazzjoni, qed jiffaċċaw sfidi persistenti. Ħafna CSRs huma proposti biex jittejjbu l-kopertura, l-adeqwatezza jew l-effettività tas-sistemi tal-protezzjoni soċjali, inkluż l-iskemi ta' dħul minimu, u biex jitrawwem l-aċċess għal servizzi soċjali ta' kwalità. Ir-rakkomandazzjonijiet għat-titjib tal-adeqwatezza u s-sostenibbiltà tas-sistemi tal-pensjonijiet, kif ukoll biex tiġi żgurata l-aċċessibbiltà, l-affordabbiltà, u l-kwalità ta' kura tas-saħħa sostenibbli għal kulħadd, jidhru b'mod prominenti fir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi tal-2019.

Investiment, il-politiki tal-kompetittività, u ambjent imtejjeb tan-negozju biex tiżdied il-produttività: Is-CSRs proposti jpoġġu enfasi addizzjonali fuq l-investiment, bl-intenzjoni li jinsiltu prijoritajiet ta' investiment b'rendiment makroekonomiku għoli, u jqisu d-disparitajiet reġjonali u territorjali. Dawn jindikaw ukoll ostakli regolatorji u strutturali li jfixxlu kemm l-investiment pubbliku kif ukoll privat u l-potenzjal ta' tkabbir fit-tul u inklużiv. Il-Kummissjoni tippromwovi wkoll l-opportunità li jintużaw fondi tal-UE biex jgħinu fl-indirizzar ta' ħtiġijiet ta' investiment identifikati fis-CSRs proposti. Bil-proposta ta' rabta ta' politika aktar b'saħħha bejn is-Semestru Ewropew u l-finanzjament tal-UE għall-2021-2027, l-eżerċizzju tal-ipprogrammar tal-fondi ta' koeżjoni li jmiss, huwa kruċjali. Id-djalogu mal-awtoritajiet nazzjonali għadu kif beda u l-Kummissjoni tenfasizza li s-CSRs proposti jipprovdu qafas analitiku biex jiggwida l-ipprogrammar tal-fondi tal-UE.

Prijoritajiet ta' riforma strutturali ulterjuri deskritti mill-Kummissjoni jinkludu t-tisħiħ tal-istabbiltà finanzjarja u t-tnaqqis ta' self improduttiv, l-indirizzar ta' ostakli fil-provvista ta' djar, l-indirizzar ta' regolamentazzjoni speċifika għas-setturi u t-tnaqqis tal-piż amministrattiv.

Il-Kunsill appella lill-Istati Membri biex jieħdu vantaġġ mill-klima ekonomika relattivament favorevoli biex imexxu 'l quddiem ir-riformi strutturali biex jissaħħaħ it-tkabbir sostenibbli u bilanċjat, jiġu indirizzati l-iżbilanċi makroekonomiċi, u titwettaq konverġenza ekonomika u soċjali sostnuta.

Kapitolu 2: Messaġġi ewlenin dwar l-impjiegi u l-politiki soċjali - lezzjonijiet mis-Sorveljanza Multilaterali tar-riformi ta' politika tal-Istati Membri

Billi l-impjiegi qegħdin f'livell storiku għoli u attwalment qed ikomplu jiżdiedu minkejja li b'rata baxxa, qed isir dejjem iżjed importanti li l-impjiegi jkunu ta' kwalità għolja, ikunu mħallsa b'mod ġust u jkunu bbażati fuq kuntratti siguri u adattabbli. Dan huwa essenzjali biex jiġi żgurat li l-benefiċċji tat-tkabbir ekonomiku jiġu kondiviżi b'mod usa': ħadd ma għandu jitħalla barra. Bl-ilħuq tal-gruppi bi prestazzjoni aktar baxxa mill-medja u ta' dawk l-aktar fil-bżonn u b'enfasi fuq investiment kontinwu fl-edukazzjoni u l-ħiliet, ikun possibbli aktar progress biex tiżdied il-parteċipazzjoni ta' persuni fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà u biex tinholq opportunità ta' adattament għad-dinja tax-xogħol li qed tinbidel, filwaqt li tiġi appoġġata l-kompetittività tal-ekonomiji tagħna.

Filwaqt li l-faqar u l-esklużjoni soċjali ġeneralment qed juru tendenza ċara ta' tnaqqis, dawn għadhom persistenti f'ħafna Stati Membri, reġjuni u gruppi, u hemm tendenza li jiġu trasmessi għall-ġenerazzjonijiet ta' wara. Is-swieq tax-xogħol u s-soċjetajiet qed jevolvu b'mod rapidu, b'opportunitajiet ġodda u bi sfidi ġodda kkawżati mill-globalizzazzjoni, mir-rivoluzzjoni diġitali, mill-mudelli ta' xogħol li qed jinbidlu u mill-iżviluppi soċjetali u demografiċi. Sfidi, bħall-inugwaljanza, il-qgħad fit-tul u fost iż-żgħażaġħ kif ukoll l-iżgurar ta' ġustizzja interġenerazzjonali, spiss huma simili fost l-Istati Membri minkejja li fi gradi differenti.

F'dak il-kuntest, il-protezzjoni soċjali, l-inklużjoni soċjali, kif ukoll is-sostenibbiltà għandhom jibqgħu prinċipji li jiggwidaw it-tfassil ta' politiki fl-oqsma rilevanti kollha. L-aċċess għall-protezzjoni soċjali u s-servizzi soċjali għandhom ikunu dritt li jkun disponibbli għal kulħadd filwaqt li għandhom jiġu preservati l-inċentivi biex dawk li huma f'pożizzjoni li jaħdmu, jaħdmu. Biex jiġi żgurat il-benessri tal-Ewropej kollha u biex tiġi indirizzata l-pressjoni demografika, jenħtieġu sistemi adegwati u sostenibbli tal-pensjonijiet, edukazzjoni ta' kwalità inklużiva, kif ukoll investiment f'sistemi tal-indukrar tat-tfal, sistemi tas-saħħa u ta' kura fit-tul li jiggarrantixxu aċċess għal kura f'waqtha, ta' kwalità għolja u bi prezz li jintlaħaq.

Is-sorveljanza multilaterali, li tikkonsisti minn rieżami bejn il-pari, fil-Kumitati Konsultattivi tal-Kunsill Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur (EPSCO) tas-sitwazzjoni attwali fl-implimentazzjoni tar-riformi fl-Istati Membri, hija waħda mill-kompiti tal-Kumitat tal-Impjiegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali fil-kuntest tal-proċess tas-Semestru Ewropew. Is-sorveljanza multilaterali għandha rwol essenzjali fil-qafas tas-Semestru Ewropew, billi tiżgura li l-bażi ta' għarfien u l-kunsens politiku milħuq fil-Kunsill dwar sfidi interrelatati, jintużaw fil-valutazzjoni u l-appoġġ tar-riformi tal-Istati Membri.

Fil-qafas taċ-ċiklu 2018-2019 tas-sorveljanza multilaterali, il-Kumitati kkonkludew li l-Istati Membri qed ikomplu l-isforzi tar-riformi, iżda l-progress rigward l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi tal-2018 tvarja bejn l-Istati Membri u l-oqsma ta' politika. Bil-ħsieb tal-perspettiva ekonomika attwali, il-Kumitati jenfasizzaw li hemm hteġġa urġenti li l-Istati Membri jġeddu u jaċċelleraw l-isforzi tar-riformi tagħhom bl-għan li jżidu l-konverġenza soċjali u r-reżiljenza ekonomika. It-tagħlim reċiproku, li jrawwem l-iskambju tal-aħjar prattika bejn l-Istati Membri, għandu jiġi inkoraġġit kemm jista' jkun.

Il-Pilastru Ewropew ta' Drittijiet Soċjali għandu jiffunzjona f'dan il-qafas bħala kumpass għall-isforzi usa' fis-Semestru Ewropew biex jinbena mudell ta' tkabbir aktar inklużiv u sostenibbli permezz ta' titjib fil-kompetittività tal-Ewropa u billi l-Ewropa ssir post aħjar għall-investment, għall-ħolqien ta' impjiegi u għat-trawwim ta' koeżjoni soċjali, filwaqt li jiġu rispettati l-kompetenzi nazzjonali. Il-progress ekonomiku u dak soċjali huma interkonnessi. L-approċċ olistiku segwit fis-Semestru Ewropew għalhekk għandu jkompli jiggwida l-isforzi biex jiġu vvalutati u appoġġati r-riformi tal-Istati Membri u l-kompożizzjoni u l-kwalità tat-taħlita ta' politika usa' tagħhom.

Kapitolu 3: Progress lejn il-miri ta' Ewropa 2020

Immedja kważi għaxar snin ilu, l-istrateġija Ewropa 2020 tenfasizza tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv bħala mod biex tissaħħaħ l-ekonomija tal-UE, jitrawwem il-ħolqien ta' impjiegi u tiġi promossa l-koeżjoni soċjali, u biex wieħed iħejji għall-isfidi tal-għaxar snin li jmiss. Il-miri ewlenin ikopru ħames oqsma: l-impjiegi, ir-riċerka u l-iżvilupp, it-tibdil fil-klima u l-enerġija, l-edukazzjoni u l-faqar u l-esklużjoni soċjali. B'kont meħud tat-tibdil fil-kondizzjonijiet ekonomiċi matul dawn l-għaxar snin, is-suċċess tal-istrateġija Ewropa 2020 fl-ilħuq ta' dawn il-miri kien imħallat.

Sa mill-2008, sar progress sostanzjali fil-qasam tat-**tibdil fil-klima u l-enerġija** iżda jenħtieġ li jsir ħafna aktar: il-mira ta' 20 % tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra meta mqabbel mal-livell tal-1990 intlaħqet, b'mira aktar ambizzjuża prevista. Id-distakk fis-sehem ta' 20 % ta' enerġija rinnovabbli qed jonqos b'mod stabbli u, jekk ix-xejra attwali tkompli, sal-2020 ser jitneħħa. Is-sehem tal-enerġija rinnovabbli fil-konsum gross finali tal-enerġija kien 17.0 % fl-2017³ li żdied b'medja ta' 5.5 % kull sena mill-2008. Qed isir progress simili fil-mira għal żieda ta' 20 % fl-effiċjenza enerġetika, li għandha tintlaħaq sal-2020 jekk ikomplu x-xejriet attwali.

³ Dawk tal-2017 huma l-aħħar ċifri tal-Eurostat disponibbli.

Żviluppi pożittivi huma wkoll viżibbli fil-qasam tal-**edukazzjoni**. Skont l-aktar data reċenti, il-mira ta' 40 % tal-popolazzjoni ta' bejn it-30 u l-34 sena b'edukazzjoni terzjarja nqabżet⁴ fl-2018, għalkemm għadd ta' Stati Membri għadhom taħt il-miri nazzjonali tagħhom. Is-sehem ta' dawk li jgħid li kmieni mill-edukazzjoni u mit-taħriġ, ta' età bejn it-18 u l-24 sena naqas b'mod stabbli mill-2010 u huwa biss madwar nofs punt perċentwali ogħla mill-mira ta' 10 %⁵. Madankollu, it-tendenza pożittiva tidher li naqset matul l-aħħar ftit snin u ser ikun meħtieġ xi sforz politiku ulterjuri biex tintlaħaq il-mira.

Minħabba ż-żieda fil-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u n-natura li toħloq ħafna impjiegi tal-irkupru f'dawn l-aħħar snin, il-mira tar-**rata tal-impjiegi** ta' 75 % tista' tintlaħaq jekk ix-xejra pożittiva viżibbli mit-tieni nofs tal-2013 tkompli⁶. Tabilħaqq, għadd ta' Stati Membri diġà qabżu l-mira. Il-ħaddiema akbar fl-età u n-nisa qed ikomplu jixprunaw iż-żieda tal-parteċipazzjoni fil-forza tax-xogħol. Madankollu, dawn l-iżviluppi pożittivi jaħbu rati ta' impjieg baxxi f'xi Stati Membri u fost xi gruppi tal-popolazzjoni, filwaqt li jenfasizzaw l-opportunità biex jiżdiedu r-riformi mmirati lejn funzjonament aħjar tas-swieq tax-xogħol.

Fl-isfond tat-titjib fil-prestazzjoni ekonomika u t-tkabbir tal-impjiegi, kien hemm progress ċar fis-sitwazzjoni soċjali. Madankollu, għad hemm sfidi fir-rigward tal-mira li 20 miljun ruħ jitneħħew mir-riskju tal-**faqar u l-esklużjoni soċjali**. L-għadd ta' persuni f'riskju żdied fis-snin bikrin tal-istrateġija, partikolarment fil-perijodu ta' kriżi, u sar tnaqqis bil-mod wara l-2012. Sa mill-2016 beda jidher aktar progress sostanzjali, b'aktar minn 5 miljun persuna tneħħew mill-faqar f'sena waħda. Madankollu, sa tmiem l-2017, l-għadd ta' persuni fir-riskju tal-faqar kien biss ta' 4.2 miljun inqas mill-2008. F'dak li għandu x'jaqsam mal-kisba tal-mira għall-impjiegi, ir-riżultat finali f'dan il-qasam huwa sensittiv għall-prospettiva ekonomika ġenerali.

Fl-aħħar nett, fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp, l-Ewropa tkompli tinvesti ftit wisq. Il-progress lejn il-mira tal-**investiment fir-Riċerka u l-Iżvilupp** kien bħala medja pożittiv iżda ħafna aktar bil-mod milli kien mistenni. Bl-aħħar ċifri jindikaw rata ta' investiment fir-Riċerka u l-Iżvilupp ta' ftit aktar minn 2 % tal-PDG, id-distakk fil-mira ta' 3 % jibqa' konsiderevoli u mhux ser jitneħħa sal-2020.


⁴ Fl-2018, il-popolazzjoni fil-mira ta' bejn it-30 u l-34 sena b'edukazzjoni terzjarja laqgħet l-40.7 %

⁵ Is-sehem ta' dawk li jgħid li jħallu l-edukazzjoni u t-taħriġ kmieni fl-età bejn it-18 u l-24 sena kien ta' 10.6 % fl-2018

⁶ Ir-rata tal-impjiegi (20–64) laqgħet it-73.2 % fl-2018. It-tkabbir tal-impjiegi huwa mistenni jkompli b'ritmu aktar bil-mod b'kont meħud tal-prospettiva ekonomika li qed tiddgħajef.

Anness: Grafiki dwar l-implimentazzjoni tas-CSR⁷ u l-prestazzjoni tal-Ewropa 2020⁸


Illustrazzjoni 1: Valutazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-livell ta' implimentazzjoni tas-CSRs tal-2011-2018




⁷ Sors: Il-Kummissjoni Ewropea COM (2019) 500 final. Komunikazzjoni Chapeau – Rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tas-Semestru Ewropew tal-2019.

⁸ Sors: Indikaturi tal-Eurostat li jappoġġaw l-Istrateġija Ewropa 2020 (2019)


Illustrazzjoni 2: Valutazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea L-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż: valutazzjoni annwali f'kull sena konsekuttiva mill-2011 fil-konfront tal-implimentazzjoni sa issa




Illustrazzjoni 3. Progress lejn il-mira tal-EWROPA 2020 – L-emissjonijiet tal-gassijiet serra




Illustrazzjoni 4. Progress lejn il-mira tal-EWROPA 2020 – L-enerġija rinnovabbli




Illustrazzjoni 5. Progress lejn il-mira tal-EWROPA 2020 – L-effiċjenza enerġetika




Illustrazzjoni 6. Progress lejn il-mira tal-EWROPA 2020 – It-tnaqqis ta' dawk li jħallu l-iskola kmieni




Illustrazzjoni 7. Progress lejn il-mira tal-EWROPA 2020 – Il-ksib tal-edukazzjoni terziarja



Illustrazzjoni 8. Progress lejn il-mira tal-EWROPA 2020 – Ir-rata tal-impjieg



Illustrazzjoni 9. Progress lejn il-mira tal-EWROPA 2020 - Il-faqar u l-esklużjoni soċjali



Illustrazzjoni 10: Progress lejn il-mira tal-EWROPA 2020 - In-nefqa domestika gross fuq ir-riċerka u l-iżvilupp

